

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet
Ċivili Suċċessjonijiet > Belgium

Suċċessjonijiet

Belġju



Belġju

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 78 (a) - l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti b'ġuriżdizzjoni biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà skont l-Artikolu 45(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 50(2)

Għal deċiżjoni fuq it-talbiet għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà: Il-Qorti tal-Prim'Istanza

Dwar ir-rikorsi dwar id-deċiżjonijiet mogħtija għal dawn it-talbiet:

- sabiex issir oġġezzjoni: il-qorti tal-prim'istanza
- sabiex isir appell: il-Qorti tal-Appell

L-Artikolu 78 (b) - il-proċeduri ta' biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fuq appell imsemmija fl-Artikolu 51

Il-Qorti tal-Kassazzjoni tiġġudika fuq il-legalità tas-sentenzi. Hija ma tirvedix il-fatti. Appell fil-kassazzjoni huwa proċedura speċjali. Il-Qorti tal-Kassazzjoni teżamina biss jekk sentenza jew deċiżjoni "mogħtija fl-aħħar istanza" (jiġifieri wara li jkunu ġew eżawriti r-rimedji ordinarji, b'mod partikolari l-appelli u l-oġġezzjonijiet), tikkostwixxix ksur tal-liġi jew ta' prinċipju ġenerali tal-liġi. Jekk dan ikun il-każ, il-Qorti tal-Kassazzjoni tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tirrinwija l-kawża quddiem qorti oħra. Din il-qorti imbagħad trid tiddeċiedi għal darba oħra fuq is-sustanza tal-kawża (ir-rinviju wara l-kassazzjoni).

Il-Qorti tal-Kassazzjoni

Palais de justice
Place Poelaert 1
1000 Bruxelles

L-Artikolu 78 (c) - informazzjoni rilevanti rigward l-awtoritajiet kompetenti biex joħroġu ċ-Ċertifikat skont l-Artikolu 64

L-awtoritajiet kompetenti biex joħroġu ċ-ċertifikat skont l-Artikolu 64 huma n-[nutara](#).

L-Artikolu 78 (d) - il-proċeduri ta' rimedju msemija fl-Artikolu 72

Il-liġi tat-13 ta' Lulju 2013 waqqfet Qorti tal-Familja, li hija sezzjoni tal-qorti tal-prim'istanza. Il-liġi l-ġdida tiġġeneralizza l-ftuħ tal-proċeduri permezz ta' rikors, għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-proċedimenti legali. Madankollu, f'ħafna każijiet, il-proċedimenti xorta jistgħu jiġu mibdija permezz ta' ċitazzjoni, li jippermetti lir-rikorrent sabiex ikollu aktar kontroll dwar meta l-kawża għandha titressaq quddiem il-qorti.

■ L-aħħar aġġornament: 17/02/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.